**L-Ispettur Inkarigat**
**FCID Financial Crimes Investigation Department**
**16, Farsons str**
**Ħamrun**

**26 ta' Ottubru, 2023**

**Għażiż Spettur,**

Nikteb fl-interess ta' [redacted]) residenti [redacted] u nitolbok ġentilment sabiex tinvestiga lil [redacted]) resident [redacted]

Illi l fit-22 ta' Marzu 2023 il-kwerelant akkwista l-proprjeta' bin-numru [redacted] mingħand [redacted], liema proprjeta' ġiet akkwistata għall-prezz ta' mitejn u għoxrin elf Ewro (€220,000), hawn anness u mmarkat Dok A il-kuntratt tal-bejgħ. Fuq il-kuntratt ta' bejgħ, il-kwerelant Fradcourt ħallas is-somma ta' mitejn u erbatax-il elf, erba' mija u tletin Ewro u disgħin ċenteżmi (€214,430.90) u l-bilanċ li fadal huwa dak ta' ħamest elef, ħames mija sitta u disgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€5569.10), liema somma titħallas biss wara li jiġi komplut l-appartament u l-partijiet komuni fi stat 'finished', hekk kif oriġinarjament imwiegħed.

Illi l-kwistjoni tirrigwarda it-titolu tal-proprjeta' akkwistata mill-kwerelant li kif ser jiġi spjegat iktar 'l isfel, [redacted] għamel gwadan u profitt minn fuq il-kwerelant.

Illi għalkemm is-[redacted] kien iddikjara kemm fil-konvenju, hawn anness u mmarkat Dok B, kif ukoll fil-kuntratt li ma kellu ebda dejn jew dejn li jolqot il-proprjeta' li kien qiegħed ibiegħ lill-kwerelant, dan ma kienx assolutament minnu.

Illi l-kwerelant, li jħossu ingannat [redacted] sar jaf dwar dan id-dejn wara li ġie iffirmat l-att finali, liema att finali ġie ffirmat wara insistenza kbira da parte tal-istess [redacted] li kien konsapevoli li l-proprjeta' ma kienitx lesta kif imwiegħed fil-konvenju.

Illi is-[redacted] wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' bejgħ sar jaf li ġurnata qabel ma ġie ffirmat dan l-istess kuntratt ta' bejgħ ġiet intavolata ipoteka speċjali li torbot l-istess post akkwistat mis-[redacted]

Illi din l-ipoteka speċjali ġiet intavolata propja minħabba dejn li għandu l-kwerelat ma' [redacted]) u għaldaqstant huma kkawtelaw dan id-dejn b'żewġ ipoteki specjali [redacted] li jolqtu l-proprjeta' li akkwista l-kwerelant.

Illi kif ġa intqal aktar 'il fuq, [redacted] qatt ma informa lil kwerelant f'ħames snin li kien fuq konvenju.

Illi, minħabba l-fatt li dawn l-ipoteki speċjali ġew reġistrati ġurnata qabel il-kuntratt ta' bejgħ, taghmila kienet aktar diffiċli li dawn l-ipoteki b'xi mod setghu jirriżultaw f'xi riċerki li setgħu saru fuq l-imsemmija proprjeta'. Huwa propju għalhekk li l-kwerelant qiegħed iħossu ingannat mill-kwerelat għax dan kollu seħħ 'kumbinazzjoni' ġurnata qabel ma sar it-trasferiment mingħajr ma infurmah dwar dan id-dejn.

Għaldaqstant il-kwerelant qiegħed iħossu ingannat mill-istess kwerelat u li bl-aġir tiegħu huwa biċċar li dan sar b'intenzjoni qarrieqa. Illi filwaqt li s-[redacted] qiegħed jigwadanja minn fuq il-kwerelant u dan billi għamel profitt, l-kwerelant akkwista post li sfortunatament ma jistax jiġi kkunsidrat tiegħu minħabba dan id-dejn li kellu is-[redacted].

Illi għalhekk umilment jintalab li l-Pulizija jinvestigaw dak li intqal fis-suespost u jieħdu il-passi kollha li jidhrilhom xierqa fil-konfront tal-kwerelat u jakkużawh bis-segwenti:

1) 'Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'

priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti' **(Kap.9 art 293)**

2) Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin. **(Kap 9, art 308)**

3) Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa. **(Kap 9, art 309)**

Nirringrazjak bil-quddiem,

**Dr.Roberta Bonello LL.D**